# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru**

**Rikors numru 1145/08 JZM**

**Said International Limited (C2680)**

**v.**

**Bank Centrali ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li resqet is-socjeta` rikorrenti fis-17 ta' Novembru 2008 li jaqra hekk:

> "Illi s-socjeta` esponenti kkonkorriet ghas-sejha ghal stimi Quotation No. 03/2008 bl-isem "Participation in MCDC Programme" datata l-5 ta` Marzu 2008 (Dok A) mahrug mill-Bank intimat ghal "established organizations to market and sell numismatic coins outside Malta" permezz tal-offerta taghha mehmuza mal-ittra taghha tal-24 ta` Marzu 2008 (Dok B);

“Illi s-socjeta` esponenti offriet illi tixtri hamsa u disghin fil-mija (95%) tal-muniti li l-Bank Centrali ta` Malta kienet ser tohrog u cioe` elfejn, tliet mija u hamsa u sebghin (2,375) mill-elfejn u hames mitt (2,500) munita tad-deheb u erbatax-il elf mitejn u hamsin (14,250) mill-hmistax-il elf munita (15,000) tal-fidda;

“Illi permezz ta` email datata 23 ta` April 2008 (Dok. C), il-Bank intimat talab lis-socjeta` esponenti xi kjarifiki inkluz jekk hija kinitx disposta taghti garanzija permezz ta` "Bank Performance Bond";

“Illi fir-risposta taghha tal-24 ta` April 2008 (Dok. D), is-socjeta` esponenti stqarret li fl-ebda parti mis-sejha ghall-istimi tal-istess Bank Centrali ta` Malta ma kien hemm rikjest il-hrug ta` "Bank Performance Bond" u li l-istatus kurrenti taghha mal-istess Bank Centrali kien dak ta` "Cash-On-Delivery basis";

“Illi permezz ta` email datata 8 ta` Mejju 2008 (Dok. E), il-Bank intimat gharraf lis-socjeta` mittenti illi hija kienet giet "shortlisted" ghall-ghoti tal-Quotation imsemmija, u li xtaqet li ssir laqgha sabiex jigi diskuss l-abbozz (Dok. F) ta` ftehim li ntbaghat ma` l-istess email;

“Illi fl-imsemmi abbozz, precizament f`klawzola 10.1, irrizulta li l-Bank Centrali ta` Malta kien qieghed jitlob li l-mittenti taghti lill-istess Bank Centrali kontemporanjament ma` l-iffirmar ta` l-imsemmi ftehim, garanzija bankarja irrevokabbli minn bank kummercjali f`Malta, pagabbli mal-ewwel sejha tal-Bank Centrali ta` Malta, fl-ammont ta` seba` mija u erbgha u sebghin elf u wiehed u erbghin euro u sitta u sittin euro centezmi (€794,041.66). Barra minn hekk fi klawzola 4 irrizulta li l-Bank Centrali ta` Malta kien ser jissupplixxi l-muniti minghajr "packaging", kundizzjoni li wkoll ma kinitx inkluza fis-sejha originali;

“Illi f`laqgha li saret nhar it-12 ta` Mejju 2008 bejn rapprezentanti tal-Bank intimat u tas-socjeta` esponenti sabiex jigi diskuss l-abbozz fuq imsemmi, filwaqt li ghal dak li jirrigwardja l-"packaging" kien jidher car li l-partijiet setghu jaslu ghal kompromess, ghal dak li jirrigwardja l-"Bank Performance Bond" is-socjeta` esponenti ghamlet zewg suggerimenti; jew li ssir konsenja wahda ta` muniti u l-mittenti thallas ghall-ammont kollu permezz ta` pagament wiehed, jew li taghti l-garanzija kif mitluba basta li din tonqos kull darba li jsir pagament b`ammont li jirrifletti l-pagamenti li kienu gja` saru;

“Illi dawn il-proposti gew irrifjutati mill-Bank Centrali ta` Malta li nsista fuq it-talba tieghu tal-Bank Performance Bond ghall-ammont kapitali kollu ghal perjodu kollu tal-kuntratt. Illi s-socjeta` esponenti hasset li din it-talba ma kinitx gusta, mhux biss ghaliex din il-garanzija ma kinitx kundizzjoni li kienet ser twassal ghal htiega ta` kapital doppju da parti tal-istess socjeta` esponenti, u cioe` kapital ghax-xiri tal-muniti, kif ukoll kapital ta` l-istess valur moghtija bhala garanzija, meta fil-fatt il-kundizzjoni din ma kinitx necessarja;

"Illi permezz ta` ittra datata 14 ta` Mejju 2008 (Dok.G) is-socjeta` esponenti, filwaqt li kkonfermat l-offerta originali taghha, insistiet li l-kalkoli u l-iskontijiet indikati fl-offerta taghha kienu mahduma fuq dik l-informazzjoni inkluza fis-sejha originali tal-Bank Centrali ta` Malta permezz ta` Quotation 03/2008, u li ghalhekk jekk il-Bank Centrali ta` Malta kien qed jinsisti ghall-"Bank Performance Bond" u l-"Packaging Material for both Silver and Gold coins" l-istess Bank Centrali ta` Malta kellu jemenda s-sejha originali jew jerga` johrog sejha mill-gdid;

"Illi permezz ta` ittra datat 15 ta` Mejju 2008 (Dok. H), il-Bank intimat gharraf lis-socjeta` esponenti li "due to various developments it has decided not to proceed with the award of this contract";

"Illi permezz ta` ittra datata 30 ta` Mejju 2008 (Dok. I), il-Bank Centrali ta` Malta informa lis-socjeta` esponenti li hija kienet ser tohrog il-muniti tad-deheb u tal-fidda mertu tas-sejha ghall-istimi originali 03/2008, izda pero` li kien qieghed joffri lill-istess socjeta` esponenti l-opportunita` li tixtri **biss** hames mitt (500) munita tal-fidda u mitejn (200) tad-deheb soggett ghall-kundizzjoni li l-imsemmija muniti jridu jinxtraw f`salt u jithallsu fi zmien tlett ijiem mill-hrug ufficjali tal-muniti, kif ukoll soggett ghal-kundizzjoni li jkun hemm hlas addizzjonali ghal "presentation cases" f`kaz li dawn jigu ordnati;

"Illi permezz ta` ittra datata 6 ta` Gunju 2008 (Dok. J), is-socjeta` esponenti talbet lill-Bank intimat jispjega sufficjentement x`kienu jikkonsistu l-izviluppi varji li gew indikati fl-ittra taghha tal-15 ta` Mejju 2008 li wassluha twaqqaf il-process ghall-ghoti tal-kuntratt;

"Illi permezz ta` ittra datata 12 ta` Gunju 2008 (Dok. K), il-Bank Centrali ta` Malta stqarret li l-imsemmija zviluppi kienu jirreferu ghal kundizzjonijiet godda li l-bank xtaq li jdahhal fil-ftehim mas-socjeta` mittenti, riferibbilment ghal dawk indikati fl-ittra ta` l-istess socjeta` esponenti tal-14 ta` Mejju 2008, u ghalhekk il-Bank Centrali ta` Malta ddecieda li ma jkomplix bil-Quotation 03/2008 tal-5 ta` Marzu 2008;

"Illi jirrizulta bl-aktar mod lampanti li l-offerta tal-Bank Centrali ta` Malta fl-ittra tieghu lis-socjeta` esponenti tat-30 ta` Mejju 2008 hija ferm differenti mill-Quotation originali tieghu. Illi d-differenzi ma jikkonsistux biss fil-kundizzjonijiet godda li ghalihom jaghmel referenza l-Bank Centrali ta` Malta fl-ittra tieghu tat-12 ta` Gunju 2008, u cioe` dawk riferenti ghall-"Bank Performance Bond" u l-"packaging material", izda aktar minn hekk it-tieni offerta tkopri ammonti ta` muniti ferm anqas minn dawk originarjament offerti fis-sejha originali tal-5 ta` Marzu 2008 u dan bi pregudizzju serju ghas-socjeta` esponenti;

"Illi barra minn hekk is-socjeta` esponenti hija nfurmata li l-Bank intimat biegh lil terzi ammonti ferm akbar mill-ammonti offerti lis-socjeta` esponenti permezz tal-ittra tat-30 ta` Mejju 2008 u b`kundizzjonijiet ferm aktar vantaggjuzi. Dan kollu sar minghajr ma` l-Bank intimat ta l-opportunita` lill-istess socjeta` mittenti li tikkonkorri u tixtri l-istess

kwantitajiet ta` muniti u/jew b`kundizzjonijiet simili, minkejja li s-socjeta` esponenti kienet hi li kienet giet maghzula mill-Bank intimat sabiex tiffinalizza l-kuntratt mal-Bank intimat wara s-sejha tal-5 ta` Marzu 2008 u minkejja li tali kuntratt ma kienx gie konkluz minhabba karenzi ta` l-istess Bank intimat. Mhux hekk biss izda l-Bank intimat ghadda biex biegh l-imsemmija muniti minghajr ma lanqas saret sejha pubblika ghall-istess;

"Illi s-socjeta` esponenti thoss li hija kellha tkun mgharrfa bi kwalunkwe sejha/offerta gdida li setghet saret wara li l-Bank intimat irtira s-sejha 03/2008 u konsegwentement hija kellha kull dritt li tippartecipa ghall-istess;

"Illi dan l-agir tal-Bank intimat huwa wiehed abbuziv u llegali ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta u jikkostitwixxi pregudizzju serju ghas-socjeta` esponenti.

"Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-Bank Centrali ta` Malta li jwaqqaf il-process tal-ghoti tal-kuntratt relatat mal-Quotation 03/2008 lis-socjeta` mittenti; kif ukoll id-decizjoni tal-istess Bank Centrali ta` Malta li jbigh lil terzi kwantitajiet ta` muniti akbar u b`kundizzjonijiet aktar vantaggjuzi ghal dawk offerti lis-socjeta` esponenti permezz ta` l-ittra tat-30 ta` Mejju 2008, minghajr ma s-socjeta` esponenti nghatat l-opportunita` illi tikkonkorri ghall-istess offerta u minghajr sejha pubblika, huma invalidi u minghajr effett fil-Ligi billi ultra vires ai termini tal-Art. 469(A)(1)(b)(ii) u (iii);

"2. Tiddikjara l-Bank intimat responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` esponenti bhala konsegwenza tad-decizjonijiet fuq imsemmija;

"3. Tillikwida l-imsemmija danni sofferti mis-socjeta` esponenti;

"4. Tikkundanna lil Bank intimat ihallas lis-socjeta` esponenti d-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez kontra l-istess Bank intimat mil-lum ingunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tad-Deputat Gvernatur Centrali in rapprezentanza tal-Bank intimat li tghid hekk:

"1) Illi fil-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghas-segwenti ragunijiet.

"2) Illi l-esponenti qatt ma kiser is-subinciz indikat mir-rikorrenti fir-rikors odjern jigifieri l-Artikolu 469 A (1) (b) (ii) ghas-semplici raguni illi l-esponenti qatt ma naqas li josserva l-principji tal-gustizzja naturali jew xi procedura mandatarja (li fil-fatt ma tezistiex) waqt li kien jesegwixxi l-att amministrattiv jew meta kien qieghed jiddelibera dwar l-istess att.

"3) Illi l-esponenti kellu kull dritt illi mhux biss li jwaqqaf l-offerta izda kellu kull dritt li jirrifjuta l-offerta anka lill-offerent li l-offerta tieghu setghet kienet l-aktar vantaggjuza.

"Infatti fl-istess Quotation No 03/2008 hemm dikjarat b'mod esplicitu illi "The Bank reserves the right to refuse even the most advantageous offer".

"1) Illi minghajr pregudizzju tal-premess ir-rikorrenti wara li xehet l-offerta tieghu giet skambjata korrispondenza twila bejn il-partijiet fejn gew diskussi diversi kundizzjonijiet li kellhom jigu inkluzi fil-ftehim bil-miktub li kellu jigi konkjuz bejn il-partijiet, fosthom illi ir-rikorrenti tipprovdi, "irrevocable bank guarantee" li r-rikorrenti rrifjutat li taghti.

"2) Illi kif jidher mill-istess dokumenti esebiti mir-rikorrenti stess saru diversi laqghat bejn il-kontendenti biex tinsab soluzzjoni tant li l-Bank ghamel anki offerta bl-ittra (Doc I) prezentata mill-istess rikorrenti fejn saret offerta lis-socjeta` rikorrenti biex tinghata "a pre-issue opportunity" biex tixtri l-minuta taht certu kundizzjonijiet li ma gewx accettati.

"3). Illi fl-ahharnett ma huwiex minnu dak li ddikjarat ir-rikorrenti fir-rikors promotur illi l-Bank biegh lill-terzi ammonti ferm akbar mill-ammonti offerti lis-socjeta` rikorrenti kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Dicembru, 2011, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet

tal-bank konvenut, cahdet it-talbiet kollha tal-kumpanija attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-kumpanija attrici.

Illi dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet numru ta' konsiderazzjonijiet u ghall-intendiment ahjar tal-istess appell ser tigi riprodotta parti sostanzjali tas-sentenza appellata:

"**Ikkunsidrat :**

"**III. Analizi tal-provi saljenti**

"Minkejja l-ghadd ta' provi (inkluz dokumenti) li ressqu l-partijiet, bosta huma l-fatti li dwarhom hemm qbil.

"Il-qbil jittratta l-aktar kif kienet kondotta s-sejha ghall-offerti, it-trattativi li kien hemm wara bejn il-partijiet, u d-decizjoni tal-Bank Centrali li jirtira mis-sejha ghall-offerti.

"Id-divergenza ta' fehmiet tohrog fil-berah dwar dak li sar mill-Bank Centrali wara li kienet irtirata s-sejha ghall-offerti.

"Anke kif jirrizulta minn Dok A a fol 6 tal-process dak tal-lum ma kienx precizament process ta' *tendering* izda aktar wiehed ta' *quotation.* Il-process issejjah Quotation No. 03/2008 bl-isem "*Participation in MCDC Programme*". Fost il-kondizzjonijiet, il-Bank Centrali zamm id-dritt *to refuse even the most advantageous offer*.

"Filwaqt illi esprimiet bil-miktub l-interess taghha li tiehu sehem fil-*Programme*, Said ressqet il-proposti taghha fosthom illi tixtri hamsa u disghin fil-mija (95%) tal-muniti li l-Bank Centrali kien ser tohrog. Fil-process ta' valutazzjoni tal-*quotation* ta' Said, sar skambju ta' emails bejn il-partijiet.

"Tlieta kienu l-entitajiet li tefghu offerta u cioe` Said, Lombard Bank u Eurocollect tal-Belgju. Saru negozjati ma' Said biss.

"B'email tal-24 ta' April 2008, il-Bank Centrali ried ikun jaf minn Said *whether you would be willing to support this committment* (u cioe` *the purchase of 95% of the gold and silver coin by the end of the third month following their official launching*) *through the issue of a Bank Performance Bond.* B'ittra ta' dik il-gurnata stess, Said avzat lill-Bank Centrali li ma rieditx taccetta li jkollha tidhol ghal *Bond Performance Bond* ghaliex *in no part of the quotation has a Bank Performance Bond*

*been mentioned.* Fit-8 ta' Mejju 2008, il-Bank Centrali baghat email lil Said fejn kienet avzata li *the Central Bank of Malta is pleased to inform you that Said International Ltd has been shortlisted for the award* tal-*quotation* in kwistjoni.

"Bejn l-24 ta' April 2008 u t-8 ta' Mejju 2008 ma jidhirx li l-*Bank Performance Bond* rega` ssemmiet. Pero` bl-email tat-8 ta' Mejju 2008, il-Bank Centrali stieden lil Said ghal laqgha fit-12 ta' Mejju 2008 *to discuss a draft agreement.* Fl-abbozz ta' ftehim dahlet klawsola 10.1 li taqra hekk –

> "On the signing of this Agreement, Said shall favour the Central Bank with an irrevocable bank guarantee drawn on a Maltese commercial bank and payable at first request by the Central Bank for the amount of …(€794,041.66) equivalent to … (€355,684.52) being the price of the gold coins ; and … (€438,357.14) being the price for the silver coins."

"Dahlet ukoll klawzola 4 fejn *the coins shall be supplied by the Central Bank without packaging.*

"Bhala fatt, fis-sejha orginali ghall-quotations, dawn iz-zewg klawsoli ma kienux inkluzi. Il-bank jghid li lanqas eskluzi ma kienu.

"L-inkontru sar izda ma ntlahaqx ftehim ghaliex Said baqghet tinsisti li l-offerta taghha kienet skond il-*quotation* originali waqt li l-Bank Centrali baqa` jinsisti li huwa seta' u ried jinkludi z-zewg klawsoli l-ohra.

"Dwar dan l-inkontru, Remy Said fl-affidavit tieghu (fol 48) jghid hekk –

> "F'dan l-istadju nixtieq nghid li matul l-imsemmija laqgha kien hareg car illi f'kaz li ahna konna disposti naccettaw l-abbozz kif propost, Said International kienet tinghata l-kuntratt minnufih. Il-laqgha intemmet bil-qbil li ninghataw zmien biex nahsbuha ftit u li ahna konna ser nikkomunikaw id-decizjoni taghna fi zmien qasir."

"Fil-15 ta' Mejju 2008, il-Bank Centrali kiteb lil Said –

> "The Central Bank of Malta regrets to inform you that due to various developments it has decided not to proceed with the award of this contract. Notwithstanding, the Bank appreciates the work and effort made to provide your offer and would like to apologise for any inconveniences."

"L-ufficjali tal-bank xehdu li l-muniti kienu se jigu ordnati u kienu sejrin jithallsu mill-bank. Imbaghad min jiehu t-*tender* kien sejjer jaghmel il-pagament wara skond iz-zmien u t-termini l-ohra tal-kuntratt. Sabiex jigi evitat *exposure* riskjuz u allura mhux accettabbli ghall-bank, dan insista li tidhol il-*bank guarantee* halli jekk issir ordni, l-bank ikollu l-assikurazzjoni li l-muniti jigu rtirati. Jekk le kien ikun hemm il-*bank guarantee* taghmel tajjeb.

"B'ittra tat-30 ta' Mejju 2008, il-Bank Centrali informa lil Said li kien ser johrog *a coin in a silver and a gold version under the Europa programme*

u offra lil Said l-opportunita' li tixtri hames mitt (500) munita tal-fidda u mitejn (200) tad-deheb soggett ghall-kundizzjoni li l-imsemmija muniti jridu jinxtraw f'salt u jithallsu fi zmien tlett ijiem mill-hrug ufficjali tal-muniti, kif ukoll soggett ghall-kundizzjoni li jkun hemm hlas addizzjonali ghal "presentation cases" f'kaz li dawn jigu ordnati.

"Skond il-Bank Centrali, il-kwantita' ta' muniti offruti kienet skond kemm kienu gew akkwistati muniti s-sena ta' qabel. Infatti Lombard kienu offruti kwantita' inqas minn dawk offruti lil Said waqt fil-kaz ta' Eurocollect l-ammont ta' muniti offrut kien akbar (ara fol 72 u 73). L-offerta kienet rifjutata kemm minn Said kif ukoll minn Lombard u ghalhekk l-allokazzjoni ta' Said u ta' Lombard inbieghet mill-Bank Centrali. Billi Eurocollect kien se jhallas b'pagament dirett, ma saret l-ebda talba ghal *bank guarantee*.

"Fis-6 ta' Gunju 2008, l-avukati ta' Said kitbu lill- Bank Centrali u *inter alia* inghad hekk –

> "… for the purposes of Sec. 469A (1)(b)(iii) and (iv) of the Code of Organisation and Civil Procedure our clients call upon you to advise them formally what the 'various developments' quoted in the letter dated 15th May 2008 consist of. Your failure to provide satisfactory explanations to this request within seven days from today will be considered as a failure to provide legal justification for the withdrawal of the award, and will leave our clients no alternative but to proceed in terms of law."

"Fir-risposta tieghu tat-12 ta' Gunju 2008, il-Bank Centrali fisser id-decizjoni tieghu illi *not to pursue with the quotation 03/2008 dated 5th March 2008* billi fil-kuntratt il-Bank ried idahhal il-kondizzjonijiet li ssemmew qabel u li Said ma accettawx.

"Fl-affidavit tieghu, Remy Said isemmi li kumpannija estera Jungher & Jungher akkwistat muniti bi kwantitajiet ferm oghla minn dawk offruti lil Said u ghalhekk setghet titlob prezz ghall-bejgh taghhom inferjuri ghal dak li setghet taghmel Said bin-numru inferjuri li kien offrut lilha bl-ittra tat-30 ta' Mejju 2008. Said stess xtrat minghand Modern Numismatics tal-Olanda 100 munita tal-fidda ghal prezz li juri vantagg car favur taghha. Dak affermat minn Remy Said kien kontestat mill-ufficjali tal-Bank Centrali li xehdu.

"**Ikkunsidrat :**

"**IV. Is-subinciz (ii) tal-inciz (1)(b) tal-Kap.469A**

"Skond dan is-subinciz, l-eghmil amministrattiv ikun `ultra vires' –
*meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil*

"Fid-dritt amministrattiv ta' pajjizna, li huwa fondat fuq il-ligi Ingliza (ara "**Cassar Desain vs Forbes noe**" - Qorti ta' l-Appell - 7 ta' Jannar 1935 u

"**Lowell et vs Caruana et**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awwissu 1972) kemm il-principju tal-*judicial review* kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel mal-Parlament Malti ghamel ligijiet *ad hoc* sabiex jirregola l-materja. Dan sehh ghaliex il-Qrati Maltin kienu affermaw illi fejn tkun tirrizulta *lacuna* fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergha tad-Dritt Pubbliku) ghandha tapplika l-Ligi Ingliza.

"Huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta' entita' amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna.

"Il-principju *audi alteram partem* jirrikjedi li qabel ma tittiehed decizjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, dan ta' l-ahhar mhux biss ghandu jigi mgharraf, izda ghandu jinghata l-opportunita' li jghid tieghu, fuq kollox jinghata widen tassew ghal dak li ghandu xi jghid, u fl-istess waqt jinghata l-opportunita' li jiddefendi l-kaz kif inhu xieraq.

"Fis-sentenza Ingliza "**Ridge v. Baldwin"** (1964 – AC 40) 'the right to a fair hearing' gie ddikjarat bhala '*a rule of universal application'*. F'dik is-sentenza, Lord Reid qal hekk **–**

> '*before attempting to reach any decision they were bound to inform him of the grounds on which they proposed to act and give him a fair opportunity of being heard in his own defence'*.

"Fil-kawza "**Board of Education v. Rice"** (1911 – AC 179), Lord Loreburn afferma li l-applikazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali '*is a duty lying upon everyone who decides anything*'.

"L-awturi **Wade and Forsyth** fil-ktieb **"Administrative Law"** (Tenth Edition – OUP – 2009 –pag.408) jghidu hekk :

> "Experience has shown that there are remarkably few true exceptions to this 'duty lying upon everyone who decides anything', at any rate anything which may adversely affect legal rights or liberties"

"Fis-sentenza "**Borg vs l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku**" deciza fil-21 ta' Mejju 2009 minn din il-Qorti diversament presjeduta **(PA/JRM)** inghad hekk dwar il-principji tal-gustizzja naturali –

> "Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm dispozizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom."

"(ara wkoll – "**Debono vs Phoenicia Systems Ltd**"- Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004)

"Fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, **(PA/RCP)** moghtija fis-27 ta' Jannar 2011 fil-kawza flismijiet "**Falzon vs Ministru ghall-Affarjiet Rurali u l-Ambjent et"** kien ritenut hekk –

> "Illi ghalhekk hemm il-htiega li persuna jkollha preavviz tal-proceduri li jkunu ser isiru kontra taghha, nkluz l-akkuzi dwar l-istess u konsegwenzi li johorgu konsegwenza ta' l-istess, tant li fl-Evans De Smith's Judicial Review of Administrative Action (4th Edit. fol. 196) jinghad li "Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position : (a) to make representations on their own behalf ; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter".

"**("Dr J.Cachia Fearne v. Segretarju Permanenti et" Prim Awla, 20 ta' Ottubru 2005 ; "A Gonzi v. Malta Drydocks Corporation", Prim Awla, 27 ta' Ottubru 2004)."**

"Fis-sentenza **"A & J Ta' Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) diversament presjeduta **(PAK/TM)** fl-14 ta' Ottubru, 2004, kien ipprecizat li –

> "ovvjament, il-principju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', izda li tinghata l-opportunita' tressaq il-kaz taghha."

"F'pagna 240 ta' *Garner`s Administrative Law* citat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri **(AE)** fis-sentenza taghha tad-29 ta' Frar 2008 fil-kawza "**Attard vs Kunsill Lokali tal-Munxar Ghawdex**" jinghad hekk –

> "the audi alteram partem rule – the essence of which is that, in certain contexts, prior to a decision being taken in the exercise of statutory power which may adversely affect the interests of individuals, those individuals should be alerted to the fact of, and the reasons for, the impending decision or action, and be permitted reasonable opportunity to make representations"

"Fil-pagna 441 ta' **Administrative Law** ta' Wade & Forsyth (op. cit.) jinghad hekk –

> "the rules of natural justice thus operate as implied mandatory requirements, non-observance of which invalidates the exercise of the power"

"Ikompli jsostni Lord Bridge fil-kawza "**Lloyd vs McMahon"** tal-1987 citata f'pagna 335 tal-*Judicial Review Handbook* (1994) –

> "the so-called rules of natural justice are not engraved on tablets of stone. To use the phrase which better expresses the underlying concept, what the requirements of fairness demand when any body, domestic, administrative or judicial, has to make a decision which will affect the rights of individuals depends on the character of the decision-making body, the kind of
> decision it has to make and the statutory or other framework in which it operates"

"Apparti l-principji tal-gustizzja naturali, id-dispozizzjoni titkellem ukoll dwar *htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv.* Fis-sentenza tal-1985 tal-House of Lords fil-kawza '**Council of Civil Service Unions and Others v. Minister for the**
**Civil Service'** inghad hekk minn Lord Diplock –

> "I have described the third head as 'procedural impropriety' rather than failure to observe basic rules of natural justice or failure to act with procedural fairness towards the person who will be affected by the decision. This is because susceptibility to judicial review under this head covers also failure by an administrative tribunal to observe procedural rules that are expressly laid down in the legislative instrument by which its jurisdiction is conferred, even where such failure does not involve any denial of natural justice."

"**Ikkunsidrat :**

"**V. Is-subinciz (iii) tal-inciz (1)(b) tal-Kap.469A**

"Skond dan is-subinciz, l-eghmil amministrattiv ikun \`ultra vires'-*meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita\` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti*

Fil-kuntest ta' din id-dispozizzjoni, jidhol l-element ta' dak li huwa "ragonevoli" (*reasonableness*) u li ghandu jkun segwit mill-awtorita\` pubblika meta tiddeciedi jew tezercita d-diskrezzjoni taghha.

"**Wade** ("**Administrative Law**") jikkumenta hekk –

> "A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."

"Tqum il-kwistjoni dwar *the legal standard of reasonableness* li huwa mehtieg sabiex jigi sodisfatt dak ir-rekwizit ghax, kif jikkumenta l-istess

awtur, *virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*.

"Kien ritenut ukoll li sabiex decizjoni titqies ragonevoli jehtieg li tkun bazata fuq kriterji oggettivi ("**Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et**" – Appell – 27 ta' Marzu 2009 u "**Dalli vs Sollars et**" – PA/RCP – 20 ta' Ottubru 2009)

"Lord Greene MR fil-kawza **"Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation"** [1948] 1 KB 223 jghid hekk –

> "It is true that the discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology commonly used in relation to exercise of statutory discretion often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably.' Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the power of the authority. Warrington LJ in Short v Poole Corporation [1926] Ch 66 at 90, 91 gave the example of the red-haired teacher dismissed because she had red hair. That is unreasonable in one sense. In another sense it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it may be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another."

"Dwar ***irrelevant considerations*** Lord Esher MR fil-kawza **"R. vs St. Pancras Vestry"** (1890) qal hekk –

> "they must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion*"*

"Skond il-***Garner's Administrative Law***, BL Jones & K Thompson, Tmien Edizzjoni, Butterworths, 1996 (pag.224) fid-Dritt Amministrattiv Ingliz, il-Qrati ghandhom is-setgha illi jissindakaw " … *that the decision making body addressed itself to all relevant factors, and ignored irrelevant factors, in coming to its conclusions"*. Fl-istess waqt skond Forbes J fil-kawza "**Pickwell v Camden London Borough Council**" (1983), 1983 osserva li r-rwol tal-qorti mhwiex li jghidu "*whether due or proper weight is given to a material consideration: the weight to be given*

*to such a matter is for the body exercising the discretion to determine; the court will no more substitute its own view of the importance of any relevant matter than it will do so for any other matter of statutory discretion"*

"**Ikkunsidrat :**

"**VI. Risultanzi**

"L-argument kollu ta' Said fir-rifjut taghha illi taccetta z-zewg klawsoli li kienu inseriti fl-abbozz ta' kuntratt bejn il-partijiet huwa ghaliex dawk il-klawsoli specjalment l-inkluzjoni ta' *bank guarantee* ma kinux jaghmlu parti mill-*quotation* originali u allura skond Said ma setghux ikunu nkluzi fil-kuntratt.

"Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tidhol fil-mertu fis-sens illi tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bank Centrali fil-vesti tieghu bhala awtorita` pubblika. Fl-istess waqt tosserva illi l-quantum tal-offerta ta' Said ma kenitx rigettata mill-Bank Centrali. In-nuqqas ta' ftehim kien principalment dwar il-*bank guarantee.* Din il-Qorti ssostni li fil-kuntest ta' kif kien propost li jithaddem il-kuntratt l-insistenza tal-Bank Centrali fuq *bank guarantee* kienet tissoddisfa l-kriterju tar-ragonevolezza (ara r-ragunijiet moghtija mix-xhud Godfrey Huber).

"Ghall-fini tad-dispozizzjonijiet citati minn Said in sostenn tal-istanza taghha, din il-Qorti tghid illi l-Bank Centrali ma kiser l-ebda principju ta' gustizzja naturali jew xi htiega procedurali mandatorja kif del resto ma kiser l-ebda element ta' *reasonableness* fl-insistenza tieghu. F'dak li qeghda tghid din il-Qorti hija wisq konfortata li ghalkemm dwar il-bank guarantee baqa` ma ntlahaqx qbil, dwar il-packaging, il-partijiet kienu prattikament waslu, kif
del resto kkonfermaw ghadd mill-persuni li xehdu.

"Ma rrizultax li kien vjolat is-subinciz (ii) anke ghaliex fil-kaz tal-lum ma kenitx akkolta offerta ta' offerent partikolari ad insaputa ta' offerent iehor fl-istess process. Anzi fil-kaz tal-lum, Said giet shortlisted. Il-Bank Centrali ttratta maghha biss. U ma wasalx ghaliex ma kienx hemm qbil mal-pretizi tal-Bank Centrali. Eppure l-Bank Centrali ma marx jittratta ma' haddiehor u ftiehem skond kondizzjonijiet differenti jew addirittura nferjuri ghal dak li nnegozja ma' Said. Il-Bank Centrali ghazel *to call off the quotation process.*

"Mhux biss Said ma kienux eskluzi izda mat-tmiem tan-negozjati maghha ntemm ukoll il-process innifsu.

"Din il-Qorti ghalhekk ukoll tghid li is-subinciz (ii) mhux pruvat.

"Ma kienet improprija xejn ir-riferenza tal-Bank Centrali ghad-dritt tieghu illi jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaggjuza u dan fil-kuntest tas-subinciz (iii). Jekk l-offerta ta' Said kienet l-ahjar ghax taghha kien l-ahjar prezz

> (ara x-xiehda ta' Joseph Bonnici) dak ma jfissirx li l-Bank Centrali ma setax jirrifjutaha mhux biex jaghzel lil haddiehor, izda biex ma jaghzel lil hadd, ghaliex il-*concern* ewlenija tal-bank u cioe` principalment il-htiega ta' bank guarantee ma kenitx sodisfatta mis-*shortlisted candidate*. Ma kien hemm propju xejn irragonevoli ghall-
> Bank Centrali li jiddeciedi kif iddecieda.
>
> "Fir-rigward ta' dak li sar wara li kienet ritirata l-*quotation offer* din il-Qorti ma ssib xejn censurabbli fil-kuntest tad-dispozizzjonijiet citati mill-kumpannija attrici in sostenn tal-istanza taghha. Dak li ried jimplika Remy Said fl-affidavit tieghu huwa kontradett u dokumentat mill-Bank Centrali. Il-bejgh propost lil Said u lil haddiehor sar skond procedura li kienet tghodd ghal kulhadd skond l-istess kriterji ghalkemm il-kwantitajiet ta' muniti (kif rajna) kienu jvarjaw. Min accetta u min le. Said irrifjutat. Il-fatt li haddiehor accetta u ghamel in-negozju tieghu (B'riferenza ghal Eurocollect) mhux prova li kull ma sar kien intiz li jkun ghad-detriment ta' Said.
>
> "In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel talba. Ghalhekk ma hemmx htiega li tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet attrici."

Rat ir-rikors tal-appell tal-kumpanija rikorrenti Said International Limited li ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet illi din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u li minflok tilqa' l-istess appell u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Bank bl-ispejjez kollha kontra l-appellat, taht dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta li din il-Qorti ghandha tichad l-appell tas-socjeta` attrici u tikkonferma fl-intier taghha l-imsemmija sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara t-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti mill-avukati tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

F'din il-kawza l-appellanti qieghda titlob stharrig gudizzjarju t'eghmil amministrattiv imwettaq mill-appellat peress li tikkontendi li kien *ultra vires* ghaliex twettaq bi ksur tas-subincizi (ii) u (iii) tal-inciz 1 (b) tal-Artikolu 469 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanti ghalkemm issemmi bosta lmenti fir-rigward tas-sentenza tal-ewwel Qorti bazikament qieghda tressaq quddiem din il-Qorti aggravju wiehed u cioe` li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni skorretta u dan peress li hija msejsa fuq apprezzament zbaljat tal-provi.

Illi ghandu jinghad mill-ewwel li fil-gurisprudenza taghna huwa ritenut li normalment li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal xi raguni gravi u impellenti. F'dan is-sens huma s-sentenzi ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 1997, fl-ismijiet **Joseph Grech Sant noe v. l-Avukat Dottor Riccardo Farrugia**

**et noe,** kif ukoll dik tas-27 ta' Novembru 2009, fl-ismijiet **Francis Gauci v. Jimmy Bugeja** u dik tat-3 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet **Isabelle Borg et v. Robert Galea et** fejn kien ritenut illi:

> "*Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx, legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha*."

Inoltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-3 ta' Lulju, 2003, fl-ismijiet **Emanuel Borg v. Joseph Cassar**, kien spjegat ukoll li:

> *"Fil-kawza fl-ismijiet Agius vs Agius deciza mill-Qorti ta' l- Appell fit-2 ta' Dicembru 1994 inghad: "gie konstantement ritenut minn dawn il-Qrati illi apprezzament tal-fatti mill- Qrati tal-ewwel grad m'ghandux normalment jigi disturbat minn qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dak il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kienet tant zbaljata li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ngustizzja. Dan ghaliex hu car li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tisma' x-xiehda viva voce u kienet f'qaghda ferm iktar favorevoli biex tifforma opinjoni objettivament korretta tal-kredibilita' o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex"*

Issa jekk wiehed jidhol fid-dettal tal-ilmenti tal-appellanti jirrizulta illi din issostni li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta hija naqset milli tapprezza illi effettivament ftehim bejn il-partijiet kien intlahaq, izda n-nuqqas kien da parti tal-Bank appellat li jinformaha li l-ftehim kien intlahaq meta huwa accetta l-proposta taghha tal-garanzija a scaletta. Bhala principju, din il-Qorti tirrileva li ftehim, fis-sistema gurdiku taghna, meta z-zewg nahat ma jkunux fil-prezenza ta' xulxin, isehh meta dak li jkun hareg l-offerta jircievi komunikazzjoni tal-accettazzjoni (maghrufa bhala t-"teorija

tal-informazzjoni"), u f'dan il-kaz, la dan ma sehhx, ma jista' qatt jinghad li lahaq sehh ftehim.

Oltre dan, din il-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti meta rriteniet li l-ftehim ma ntlahaqx peress li Said baqghet tinsisti li l-offerta taghha kienet skont il-quotation originali waqt li l-Bank baqa' jinsisti u ried jinkludi z-zewg klawzoli l-ohra. Dan qieghed jinghad peress minn ezami tax-xiehda moghtija, tal-provi migjuba u senjatament l-ittra esebita bhala Dok G a fol. 25 tal-process, datata 14 ta' Mejju, 2008 u cioe jumejn wara l-inkontru bejn il-partijiet sabiex proprju jiddiskutu l-abbozz tal-kuntratt propost mill-Bank, permezz taghha l-appellanti Said qeghdha proprju tinsisti fuq din il-pozizzjoni originali taghha li l-partijiet jimxu skont l-offerta jew li tinhareg sejha gdida riveduta. F'din l-ittra imkien ma tissemma' il-proposta ta' Said li tinghata l-garanzija a skaletta kif issemmiet fil-laqgha.

Ghalhekk il-Bank li sadanittant kien lahaq iddiskuta internament il-proposta tal-garanzija a skaletta li kien lest li jaccetta, ragjonevolment wasal ghall-konkluzjoni li permezz tal-imsemmija ittra Said kienet qeghdha ssemmi biss l-ahhar pozizzjoni taghha wara l-laqgha rigwardanti l-ftehim propost u konsegwentement ma dehritx aktar interessata li tinghata l-garanzija bankarja a skaletta jekk mhux permezz ta' sejha modifikata jew sejha gdida. Din il-pozizzjoni ta' Said hija wkoll ikkonfermata permezz tal-ittra tal-avukati taghha datata 6 ta' Gunju,

2008, esebita bhala Dok J a fol. 29 tal-process. F'din l-ittra ssir referenza ghall-laqgha bejn il-partijiet, kif ukoll ghaz-zewg kundizzjonijiet li fuqhom kien qieghed jinsisti l-Bank hekk kif inseriti fl-abbozz tal-kuntratt mghoddi lill-appellanti qabel il-laqgha, kif ukoll ghall-ittra tal-14 ta' Mejju, 2008:

> *"our clients confirmed their original offer, as based on the original documentation, and requested the Central Bank to alter the documentation to reflect the items mentioned above, in order for the offer to be modified accordingly, if the Central Bank wished to insist upon those conditions."*

Konsegwentenent kienu dawn l-izviluppi li wasslu lill-Bank li jwaqqaf il-procedura ta' sejha ghall-kwotazzjonijiet intentata minnu u pproceda mod iehor. Jigifieri huwa ritenut li l-ewwel Qorti kienet korretta meta waslet ghall-imsemmija konkluzjoni li l-partijiet effettivament ma lahqux ftehim. Il-fatt li dawn l-ittri ntbaghtu minghajr ma kien hemm gharfien tal-izviluppi interni li sehhew fi hdan il-Bank, ma jbiddlux il-fatt li ftehim bejn il-partijiet ma kienx konkluz.

L-appellanti tkompli tirrileva illi fil-kronologija tal-fatti hekk kif esposti mill-ewwel Qorti, hija naqset milli taghmel referenza ghall-imsemmija ittra datata 14 ta' Mejju, 2008, liema dokument jinsab esebit bhala Dok G, a fol. 25 tal-process, fis-sens li l-ewwel Qorti ghaddiet mir-referenza ghal-laqgha li saret bejn il-partijiet fit-12 ta' Mejju, 2008, dritt ghall-ittra tal-Bank datata 15 ta' Mejju, 2008 esebita bhala Dok. H (li permezz taghha l-Bank appellat informa lill-appellanti li minhabba l-izviluppi li sehhew,

ma kienx ser jipprocedi aktar bl-ghoti tal-kuntratt) u b'hekk in-nuqqas ta' referenza specifika ghall-imsemmi Dok. G wassal l-ewwel Qorti ghal konkluzjoni skorretta. Din il-Qorti thoss li anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-ewwel Qorti naqset milli taghmel referenza specifika ghad-dokument esebit a fol. 25 tal-process, jirrizulta lil din il-Qorti li fir-rassenja tal-provi saljenti maghmula mill-ewwel Qorti saret referenza ghall-ittra tal-avukati ta' Said datata 6 ta' Gunju, 2008 a fol. 29 tal-process u f'din l-istess ittra tissemma l-ittra li dwarha tilmenta l-appellanti meta fiha jinghad: *"By letter dated 14th May, 2008, our clients confirmed their original offer ..."*.

B'hekk ghalkemm l-ewwel Qorti ma semmietx din l-ittra tal-14 ta' Mejju, 2014, espressament, huwa meqjus illi l-ewwel Qorti xorta hadet konjizzjoni taghha meta irreferiet ghall-imsemmija ittra tal-avukati ta' Said.

L-appellanti tkompli billi filwaqt li tikkoncedi li l-ftehim ma ntlahaqx, hija issostni li l-uniku raguni l-ghala ma ntlahaqx il-ftehim kien minhabba l-fatt li l-Bank qatt ma nforma lill-appellanti li kien accetta l-proposta taghha – fatt li skont hi gie totalment issorvolat mill-ewwel Qorti. F'dan il-kuntest l-appellanti filwaqt li taghmel referenza ghas-sottomissjonijiet taghha quddiem l-ewwel Qorti, tghaddi biex tislet partijiet differenti mix-xiehda ta' rapprezentant tal-Bank biex tipprova tohrog nuqqas ta'

konsistenza. Minn ezami tal-imsemmija xiehda, jekk wiehed jiehu l-fatti li johorgu b'mod kronologiku, bir-rispett kollu ma jidhirx illi hemm inkonsistenza. Jirrizulta b'mod car miz-zewg xiehda principali Joseph Bonnici u Godfrey Huber li meta l-bank hareg bil-kundizzjoni tal-garanzija bankarja (haga li seta` jaghmel peress illi hawn si tratta minn sejha ghall-*quote* u mhux sejha ghall-offerti), Said m'accettatx din il-kundizzjoni peress li baqghet tinsisti li din ma kenitx kondizzjoni li tirrizulta mis-sejha originali tal-kwotazzjonijiet. Waqt il-laqgha bejn il-partijiet, Said semmiet il-possibbilita` li ssir il-garanzija bankarja a scaletta li ghaliha r-rapprezentanti tal-Bank ma qablux, izda l-partijiet ftehmu li jmorru lura jahsbu ftit fuq id-diskussjonijiet li sehhew. Tul il-proceduri rrizulta li l-Bank waqt id-diskussjonijiet interni kien dispost li jaccetta garanzija a scaletta. Madanakollu qabel ma l-Bank lahaq ikkomunika l-pozizzjoni tieghu, kif rajna, Said lahqet kitbet l-ittra tal-14 ta' Mejju, 2008 li fiha kienet qeghda tinsisti fuq zewg possibbilitajiet:

1. il-pozizzjoni originali taghha u cioe` li tigi accettata l-offerta taghha tal-24 ta' Marzu, 2008, minghajr kundizzjonijiet mizjuda relatati mal-garanzija bankarja u *packaging;* jew

2. Jekk il-Bank kien qed jinsisti fuq dawn il-kundizzjonijiet relatati mal-garanzija bankarja u *packaging,* fl-opinjoni ta' Said, il-Bank kellu jerga' johrog is-sejha riveduta jew modifikata jew jerga johrog sejha mill-gdid, sabiex Said tirrevedi l-offerta taghha.

Dawn iz-zewg ghazliet li taghti Said huma kkonfermati fl-affidavit ta' Remy Said, li kif jirrileva l-Bank appellat fir-risposta tieghu, jikkostitwixxu *ultimatum* li ta' Said lill-Bank.

Rinfaccati b'din l-ittra hija konsegwenza logika u ragjonevoli li l-Bank fehem illi l-garanzija a scaletta ma kenitx wahda mill-possibiltajiet li kienet qeghda tipprospetta Said jekk mhux wara sejha gdida ghall-offerti, li kif spjegaw ir-rapprezentanti tal-Bank ma kienx fadal zmien sabiex jipprocedi b'sejha gdida u b'hekk waqqghu s-sejha originali u hargu b'soluzzjoni ohra bhala alternattiva. Ladarba l-Bank kellu din l-ittra f'idejh u ppressat bi zmien sabiex jipprocedi, ssegwi r-raguni l-ghala l-Bank intimat ma baqax jikkorrispondi mal-appellanti. L-ewwel Qorti fissret b'mod dettaljat li t-thassib ewlieni tal-Bank kienet il-htiega tal-garanzija bankarja, li Said baqghet tirrifjuta li taghtiha hekk kif propost mill-Bank fl-abbozz tal-kuntratt imressaq lilha u li ma kien hemm xejn irragjonevoli f'dak li konsegwentement iddecieda l-Bank.

Din il-Qorti bhal dik ta' qabilha ma ssib xejn censurabbli fl-agir tal-Bank fil-kuntest tal-izviluppi li sehhew u tal-fatti li rrizultaw u lanqas ma tara illi fuq il-konsiderazzjoni tal-provi processwali l-ghemil jista' jigi ikkwalifikat bhala irragjonevoli jew addirittura abbuz tas-setgha tal-awtorita` pubblika. Id-decizjoni tal-Bank li jirtira s-sejha ghall-kwotazzjonijiet ma

kenitx fil-fehma ta' din il-Qorti affetta minn xi vizzju jew konsiderazzjoni mhux xierqa izda dettata mill-istess cirkustanzi wara d-decizjoni mehuda minn Said stess permezz tal-imsemmija ittra. Kif tenniet l-ewwel Qorti kienet xierqa r-referenza tal-Bank ghall-klawzola li kienet taghtih id-dritt illi jirrifjuta sahansitra l-aktar offerta vantaggjuza, kif gara fil-kaz odjern, proprju minhabba n-nuqqas tal-istess Said li tipprovdi l-garanzija bankarja mitluba minnha u ghalhekk ma kien hemm xejn irragjonevoli f'dak li konsegwentement iddecieda l-Bank.

Illi l-appellanti tghaddi biex tirrepeti dak li hija tivvanta li huwa agir kundannabbli tal-Bank li naqas li jinformaha bid-decizjoni nterna tieghu li jaccetta l-garanzija bankarja a scaletta u li skont l-istess appellanti l-ewwel Qorti injorat dan il-punt li hija ssostni huwa fundamentali. Minn ri-ezami tas-sentenza attakkata, hi l-fehma ta' din il-Qorti illi din tikkontjeni dik il-motivazzjoni li tissodisfa lil din il-Qorti illi l-istess sentenza taghti r-ragunijet li wasslu lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi kif effettivament ghamlet. Il-parti operattiva tal-imsemmija sentenza hija r-rizultat logiku u inevitabbli tar-ragjonament li sar fiha. Ragonament li huwa marbut mal-konsiderazzjonijiet rilevanti u essenzjali sottomessi mill-partijiet u b'enfasi fuq dak li hu essenzjali.

Ghandu jinghad illi l-principji ta' gustizzja naturali jitqiesu dejjem materja ta' dritt, anzi ta' dritt pubbliku, u n-nuqqas ta' osservanza taghhom jaghti

mhux biss dritt ta' appell meta dan hu koncess (anke jekk limitatament fuq punt ta' dritt), izda wkoll ghad-dritt ta' *review* mill-Qrati ordinarji u pertinenti ghall-proceduri odjerni. F'dan il-kaz, l-appellanti tghaddi biex torbot in-nuqqas tal-Bank li jinformaha bid-decizjoni li jaccetta garanzija bankarja a scaletta mal-ksur tal-principju ta' gustizzja naturali tal-*audi alteram partem.* Illi hawn ukoll, anke jekk forsi din id-decizjoni tal-Bank mhijiex il-procedura idejali ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet, ma jidhirx illi sar f'dan il-kaz ksur tar-regola fundamentali "*audi alteram partem*". Illi dan qieghed jinghad ghar-raguni li l-Bank sejjah laqgha biex proprju ssir diskussjoni ma' Said u jsiru rapprezentazzjonijiet ta' kif il-partijiet setghu jaslu fi ftehim sabiex ikopru l-preokkupazzjonijiet tal-Bank. Madanakollu l-Bank, kif rajna, wara l-imsemmija laqgha kien rinfaccjat bl-ittra ta' Said li ma hallitx dubju dwar il-pozizzjoni finali ta' Said dwar il-kundizzjonijiet proposti mill-Bank. Il-principju ta' *audi alteram partem* jehtieg li jigi mhares billi parti tinghata l-opportunita` taghmel ir-rapprezentazzjonijiet taghha izda ma jehtiegx illi dik il-parti bilfors li tinghatha ragun. Wara kollox, qabel ma ttiehdet id-decizjoni li titwaqqa' s-sejha, Said inghatat l-opportunita` li tghid taghha u tassew jista' jinghad li nghata widen ghal dak li ssugeriet Said. Izda meta l-Bank kien rinfaccjat bl-ittra ta' Said li permezz taghha l-Bank inghata *ultimatum*, dan ghazel li jwaqqa' il-proceduri tas-sejha tal-offerti u dan kif kellu dritt li jaghmel skont l-istess sejha.

Inoltre l-appellanti taghzel li torbot l-hekk imsejha nuqqas ta' trasparenza ma nuqqas ta' ragjonevolezza meta tezamina l-motivazzjonijiet u r-ragunijiet tal-Bank appellat. L-appellanti tinsisti li t-talba ghal *Bank Performance Guarantee* ma kenitx ragjonevoli. L-appellanti terga tislet argumenti fir-rigward ix-xhieda migjuba mir-rapprezentanti tal-Bank u tikkritika l-fatt li l-Qorti strahet fuq xhud partikolari, Godfrey Huber li spjega li din il-garanzija kienet mehtiega minhabba l-*exposure* li kien ser ikollu l-Bank u li din il-garanzija kienet tnaqqas ir-riskju tal-Bank li biha l-appellat kien ikollu garanzija u serhan tal-mohh li l-muniti jigu debitament irtirati. Issa apparti l-osservazzjoni precedenti illi l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xiehda kollha viva voce u li ghalhekk kienet f'qaghda ferm iktar favorevoli biex tifforma opinjoni objettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom, din il-Qorti ma ssibx x'ticcensura fl-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, apparti li huwa mill-aktar ragjonevoli li Bank jiehu dawk il-mizuri kollha li jidhirlu mehtiega biex inaqqas ir-riskji li jista' jkun espost ghalihom fi transazzjonjiet ta' certu portata bhalma kienet dik odjerna.

Illi kif ritenut mir-rassenja estensiva ta' gurisprudenza rapportata fis-sentenza tal-ewwel Qorti, ir-rwol tal-Qorti f'ezami ta' decizjoni amministrativa mhix li tissostitwixxi d-decizjoni mehuda mill-ezekuttiv bid-decizjoni taghha izda l-Qorti trid taghmel semplici ezami dwar jekk l-intimat, f'dan il-kaz il-Bank, uzax id-diskrezzjoni tieghu b'mod ragjonevoli. Hekk per ezempju fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili

tal-1 ta' Marzu, 2004, fl-ismijiet **Laurence Borg noe v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta** (sentenza li giet konfermata min din il-Qorti), kien ritenut illi:

> "*Illi kien ghalhekk li, mal-medda taz-zmien, issawru regoli li jharsu l-imsemmija setghat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istharrig taghhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija moghnija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezerzitaha f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jigi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jehtieg li lill-Qorti jirrizultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan ghamlitu minghajr l-indhil tal-ebda haddiehor jew bla ma poggiet lilha nnifisha f'qaghda fejn ma setghetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jigi accertat li l-awtorita` mistharrga m'ghamlitx dak li kienet espressament mizmuma milli taghmel, jew jekk ghamlitx xi haga li ma kinitx awtorizzata taghmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistharrga trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-kaz. Dawn huma, fil-qosor, il-gabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni u ta' eccess jew abbuz ta' dak l-ezercizzju;*
>
> *Illi marbut sfiq ma' dawn il-principji wiehed isib ukoll it-test tar-ragonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Dan l-aspett qieghed jissemma ghaliex il-kumpannija attrici semmiet, fost l-ilmenti taghha, l-irragonevolezza tad-decizjoni tal-Bank imharrek. Id-dmir li awtorita` tagixxi ragonevolment mhux l-istess bhad-dmir li tagixxi bona fide. Ghalhekk, filwaqt li mhux kull ezercizzju ragonevoli ta' gudizzju huwa bilfors korrett, lanqas m'huwa bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat. F'kaz bhal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li ghandha tuza biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-decizjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittiehed minn persuni ragonevoli.*"

Din il-Qorti bhal dik ta' qabilha ma tqisx illi t-talba tal-Bank ghal garanzija bankarja sabiex inaqqas ir-riskju fl-*exposure* tieghu bhala wahda rragjonevoli. Lanqas ma tqis illi hemm xi inkonsistenza fit-twegiba tal-Bank fl-ittra tieghu tat-12 ta' Gunju, 2012, immarkata bhala Dok. K esebita a fol. 31 tal-process, li fiha l-Bank jispjega li r-raguni li wasslet il-Bank sabiex iwaqqaf is-sejha kienet proprju li ried idahhal il-kundizzjonijiet li ssemmew qabel u li Said m'accettatx hekk kif jirrizulta

mill-istess ittra taghha tal-14 ta' Mejju, 2008, li konsegwentement waslet lill-Bank iwaqqaf is-sejha ghall-kwotazzjonijiet hekk kif korraborata bl-istess xiehda tar-rapprezentanti tal-Bank intimat. Fil-fatt, ir-rapprezentant tal-Bank jipprezenta l-istess ittra ta' Said tal-14 ta' Mejju, 2008 (esebita bhala Dok. VF1 a fol. 179 tal-process) bhala l-ittra li biha l-Bank fehem li Said ma kenitx aktar interessata fil-process.

L-ahhar ilment tal-appellanti huwa fis-sens li l-ilment taghha li bit-tieni offerta u l-bejgh lill-terzi b'kundizzjonijet aktar vantaggjuzi kien sorvolat mill-ewwel Qorti meta ghazlet li toqghod fuq ix-xiehda tar-rapprezentanti tal-Bank (li l-appellanti ttenni li kienu inkonsistenti) u minflok tiskarta dik tar-rapprezentant taghha Remy Said, u li skont l-appellanti, l-ewwel Qorti ghamlet dan minghajr ebda raguni jew gustifikazzjoni. Illi jigi rilevat li l-affermazzjoni tal-Qorti fir-rigward saret f'kuntest tal-analizi tal-provi saljenti fejn l-ewwel Qorti, wara li rat li l-Bank waqqa' s-sejha originali tieghu, permezz tal-ittra tat-30 ta' Mejju, 2008, esebita bhala Dok I a fol. 27 tal-process, offra lil Said u lill-offerenti l-ohra fis-sejha originali, l-opportunita` li jixtru numru ta' muniti (liema numru kien ibbazat skont il-volum li l-Bank kellu u qassmu *pro rata* fuq il-bazi ta' kwantitajiet li l-istess offerenti kienu xtraw minghand il-Bank f'sejha precedenti).

Dan huwa mhux biss rizultanti mix-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank, izda korraborat ukoll mid-dokumenti esebiti mill-istess rapprezentant tal-

Bank kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti bhala Dok. JB1 u Dok. JB2 a fol. 72 u 73 tal-process. L-uniku haga li din il-Qorti ghandha x'izzid hija li jirrizulta mill-istess xhud rapprezentant tal-Bank li l-ittri li bihom kwantitajiet differenti ta' muniti kienu offruti lit-tliet offerenti kienu jirriflettu l-prezz bl-iskont li kien jiddependi mid-*discount structure* tal-istess Bank, fis-sens li l-prezz mitlub mill-offerenti kien marbut mal-ammonti offerti, bil-konsegwenza logika li aktar ma tixtri l-iskont ikun akbar. Din il-Qorti ma ssib xejn anomalu f'din ix-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank li jwassalha biex ticcensura l-Bank fl-agir tieghu in vista tac-cirkostanzi spjegati u wisq anqas li l-ewwel Qorti ssorvolat xi lment essenzjali tal-appellanti bi pregudizzju serju ghaliha.

Premess dan li ntqal fuq, din il-Qorti ma tistax issib f'dan il-kaz partikolari illi l-Bank intimat ezercita d-diskrezzjoni tieghu b'mod irragjonevoli jew *ultra vires*, hekk kif pretiz mis-socjeta` attrici jew li naqas milli josserva l-principji ta' gustizzja naturali fl-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil jew li sahansitra agixxa b'*mala fede* kif ittenni l-appellanti. Konsegwentement isegwi illi l-ewwel Qorti kienet korretta fil-gudizzju taghha u ghalhekk mhux il-kaz li l-imsemmija sentenza tigi revokata jew imhassra kif pretiz mill-appellanti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` rikorrenti billi tichad l-istess, bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mis-socjeta` rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb